MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-25 ta' Frar, 2010

Avviz Numru. 184/2007

**Alberta Fire & Security Equipment Limited**

**vs**

**Azzopardi Ronald f'ismu proprju u ghan-nom w in rapprezentanza tas-socjeta O'Connors Malta Limited (C24316)**

## Il-Qorti:-

Rat r-rikors tas-socjeta attrici pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-ghoxrin (20) ta' Gunju 2007 fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna lil konvenut f'ismu proprju u ghan-nom w in rapprezentanza tas-socjeta 'O'Connors Malta Limited (C24316)' ihallasha s-somma ta' tlet elef mija w erbgha w sittin lira maltin u sitta w erbghin centezmu (LM3164.46) rapprezentanti l-bilanc ta' prezz t'oggetti u cioe prodotti w attrezzaturi relatati mas-sigurta, li gew mibjugha w ikkunsinnati lilhom bejn il-

hamsa w ghoxrin (25) ta' Settembru 1999 w il-hamsa w ghoxrin (25) ta' Mejju 2006, kif jirrizulta mill-fattura kopja annessa (Dok. A), liema bilanc ghalkemm baqa' dovut u sahansitra gie rikonoxxut w ammess anke permezz ta' skrittura ffirmata minn Ronald Azzopardi, baqa' sa llum ma thallasx.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet, nkluzi l-ispejjez tal-ittra ufficcjali tat-tmienja w ghoxrin (28) ta' Marzu 2007.

Il-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat n-nota t'eccezzjonijiet ta' Ronald Azzopardi detentur tal-karta tal-identita li ggib in-numru 700661M proprju w ghan-nom w in rapprezentanza tas-socjeta 'O'Connors Malta Limited (C24316)' ppresentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar s-sbatax (17) t'Awwissu 2007 (fol. 8) fejn eccepixxa li:

"Preliminarjament li l-proceduri huma irriti u nulli stante li mhux mibdija b'rikors;

Sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess, Ronald Azzopardi nomine jeccepixxi li l-azzjoni hija preskritta a tenur tal-artikoli 2148 u 2156 tal-Kodici Kriminali;

Sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess, Ronald Azzopardi jeccepixxi li huwa m'ghandu l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta attrici u m'ghandu jaghti xejn lis-socjeta attrici u li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni hija preskritta a tenur tal-artikoli 2148 u 2156 tal-Kodici Kriminali;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat n-nota ta' Ronald Azzopardi proprju w ghan-nom w in rapprezentanza tas-socjeta 'O'Connors Malta Limited (C24316)' (fol. 12) li permezz taghha esibixxa l-affiavit ta' Ronald Azzopardi (fol. 13) b'dokumenti annessi mieghu bhala Dok. RA 1 sa Dok. RA 3.

Illi l-konvenut **Ronald Azzopardi** fl-affidavit tieghu jikkonferma li hu direttur tas-socjeta 'O'Connors (Malta) Limited', 'Sovereign Hotels Limited' u 'Crown Hotels Limited'. Hu ghamel referenza ghall-iskrittura pprezentata mis-socjeta Alberta Fire & Security Equipment Limited esibita fl-atti w immarkata bhala Dok. B u stqarr li l-kliem li hemm wara u taht l-figuri 'LM953.50 – 30/11/06', zdiedu minn wara daru, minghajr l-kunsens tieghu wara li hu kien iffirma dik l-iskrittura. Jghid li b'dan ried iffisser li meta hu ffirma dik l-iskrittura, l-kliem li hemm wara u taht l-figuri 'LM953.50 – 30/11/06', ma kienux hemm u gew mizjuda wara.

Jghid li l-pagamenti li hemm referenza ghalihom fil-parti ta' fuq tal-istess skrittura kienu djun tas-socjetajiet 'Sovereign Hotels Limited' u 'Crown Hotels Limited'. Jghid li fil-fatt kull korrisponenza li hu kellu mas-socjeta 'Albert Fire & Security Equipment Limited', kienet tirreferi biss ghal kontijiet ta' 'Sovereign Hotels Limited' u 'Crown Hotels Limited' li jiggestixxu l-'Windsor Hotel' u l-'Crown Hotel' rispettivament. Jghid li kopja ta' din il-korrisponenza hija annessa bhala Dok. RA 1 sa Dok. RA 3. Jghid li d-dejn tal-'Crown Hotels Limited' ghadu ma thallasx kollu izda d-dejn ta' 'Sovereign Hotels Limited' thallas kollu.

Hu jichad li qatt accetta li s-socjeta 'O'Connors (Malta) Limited' kellha taghti xi flus lis-socjeta 'Alberta Fire & Security Equipment Limited' u sostna li s-socjeta 'O'Connors (Malta)' m'ghandhiex taghti lis-socjeta 'Alberta Fire & Security Equipment Limited'. Jghid li hu personalment qatt m'ghamel negozju mas-socjeta 'Alberta Fire & Security Equipment Limited'.

Rat ir-rikors tas-socjeta attrici pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-tnejn w ghoxrin (22) ta' Novembru 2007 fejn talbet korrezzjoni fl-atti fis-sens li fejn kien hemm miktub il-kelma '*avviz*' din kellha tigi sostitwita bil-kelma '*rikors*'.

Il-Qorti rat l-oggezzjoni tal-konvenuti, dan nonostante pero l-Qorti laqghet it-talba attrici nhar it-tnax (12) ta’ Dicembru 2007 w ordnat li ssir il-korezzjoni kif mitluba.

Illi nhar t-tmienja w ghoxrin (28) ta’ Mejju 2008 xehdet **Liza Barbaro Sant** prodotta mis-socjeta attrici (fol. 45) fejn qalet hi tahdem bhala direttur fis-socjeta’ attrici. Qalet li huma kienu ghamlu xi xoghol ta’ *fire and security* ghand il-konvenut xi snin ilu. Qalet li l-konvenut kellu l-‘Windsor Hotel’, l-‘O’Connors u Crown Hotel’ w il-kontijiet kienu maqsuma fuq erba’ kontijiet separati. Qalet li kull kont kien wiehed separat u naturalment kellhom isiru pagamenti skond ix-xoghol li jkun sar. Qalet li llum, il-bilanc dovut mis-socjeta’ ‘O’Connors Malta Limited’ huwa fl-ammont ta’ LM3, 164.46.

Ikkonfermat li kien hemm xi *set off* pero’ ma kienx bejn il-partijiet ta’ din il-kawza, kien bejn ‘International Safety Training Centre’, li hija kumpanija sussidarja tas-socjeta attrici u bejn l-‘Windsor’ jew l-‘Crown Hotel’ pero’ s-socjeta’ attrici ma kellha x’taqsam xejn f’din il-kwistjoni. Qalet li kienu talbu lil konvenut diversi drabi biex jaghmel il-pagament dovut fuq l-kont intestat ‘O’Connors’ w effettivament dejjem qalilhom li kien se jhallas, sahansitra anke tahom cekkijiet li ma gewx onorati u gew lura bil-kliem “*return to drawer*”. Qalet li darba minnhom f’Mejju 2006 , kienu waqqfulhom ix-xoghol u kienu marru Ronald Azzopardi u Martin Buttigieg fl-ufficcju taghhom u dawn qalu li kienu ser ihallsu l-bilanci dovuti.

Qalet li effettivament il-ftehim li kien sar dakinhar huwa dak esebit fl-atti bhala Dok. ‘B’, liema dokument jinsab esebit a fol. 28. Ikkonfermat li l-firma fuq dan id-dokument hija ta’ Ronald Azzopardi u li dan kien iffirma dan id-dokument quddiemha u quddiem Martin Buttigieg. Qalet li fil-fatt il-figuri gew miktuba jew minn Ronald Azzoprdi jew minn Martin Buttigieg. Qalet li l-ammont originali kien ta’ LM6,721.30, imbaghad huma qasmu dan il-kont f’kontijiet separati w individwali skond minn min kellu jithallas, w ghalhekk hargu seba’ *invoice fuq erba’ kontijiets*. Spjegat li l-‘Crown’ kellu zewg kontijiet, wiehed tas-sistema u l-

iehor tal-‘*on going expenses*’, l-‘Windsor’ u l-‘O’Connors’ kellhom kont kull wiehed.

Spjegat li effettivament f’dan id-dokument hemm indikat kif kellhom isiru l-hlasijiet u cioe’ kull xahar, per ezempju fit-tnejn (2) ta’ Gunju 2005 kellha tithallas is-somma t’elf lira (LM1,000), fit-tletin (30) ta’ Gunju 2006, kellha tithallas is-somma ta’ disa’ mija tlieta u hamsin punt hamsin (LM953.50) u fit-tletin (30) ta’ Lulju 2006 kellha tithallas is-somma ta’disa’ mija tlieta u hamsin punt hamsin (LM953.50). Qalet li jidhrilha li minn dawn il-pagamenti hallas biss wiehed.

Ziedet tghid li fejn fil-parti t’isfel tad-dokument hemm miktub *payment terms re account* u hemm erba’ numri, dawk huma n-numri tal-*accounts* mizmuma minnha. Kompliet tghid li l-*meeting* bejniethom kien sar fis-sitta w ghoxrin (26) ta’ Mejju 2006 u dak il-hin stess hi kienet ipprintjajt l-i*statement*. Ix-xhud esebiet zewg dokumenti li jindikaw ic-cekkijiet li gew mghoddija lilha mill-konvenut liema cekkijiet pero’ ma gewx onorati, ma gewx imsarrfa u liema zewg cekkijiet huma mmarkati bhala dokumenti ‘X’ u ‘Z’. Qalet li l-ewwel data li hemm indikata bhala tnejn (2) ta’ Gunju 2005, effettivament kellha tkun tnejn (2) ta’ Gunju 2006.

Illi nhar l-ghaxra (10) ta’ Lulju 2008 **regghet xehdet Elizabeth Barbaro Sant** prodotta mis-socjeta attrici (fol. 51) fejn esibiet kopja originali tad-dokumenti li esebejt fis-seduta precedenti u cioe’ tad-Dok. ‘B’ li jinsab inserit fl-atti a fol. 28. Qalet li l-original ta’ dan id-dokument jinsab f’idejn il-konvenut pero’ hi ghandha kopja ta’ dan id-dokument bil-firma originali tal-konvenut fuqha. Ix-xhud esibiet prezenzjalment dan d-dokument li gie mmarkat bhala Dok. ‘BS’, liema Dok. ‘BS’ huwa fotokopja ta’ dan id-dokument li wriet lill-Qorti kif ukoll lill-kontro-parti.

Illi nhar s-sitta (6) ta’ Mejju 2009 xehed **Martin Buttigieg** (fol. 59) fejn qal li hu jokkupa l-kariga ta’ *general manager* tas-socjeta ‘Crown Hotels Limited’ u m’ghandu x’jaqsam xejn mas-socjeta ‘Windsor Hotel Limited’. Mistoqsi jekk qatt kellu relazzjoni mas-socjeta ‘Alberta Fire and Security

Equipment Limited', wiegeb li iva kellu fl-interess tas-socjeta 'Crown Hotels Limited' u ma 'Windsor Hotel' u cioe kien tkellem mas-socjeta attrici dwar il-*fire and security system* li kienu diga stallaw f'dawn iz-zewg lukandi.

Meta gie muri t-tlett dokumenti a fol 2, 3 u 4 tal-atti, x-xhud ikkonferma li whud mix-xoghlijiet imsemmija f'dawn id-dokumenti effettivament saru fil-lukandi taghhom ghalkemm l-*invoice* hija nstestata b''O'Connors' biss. Qal li llum il-gurnata hu m'ghandux x'jaqsam maghha. Zied jghid li f'dan l-*invoice* ma hemmx indikat ghal liema lukanda gew suppliti dawk x-xoghlijiet. Meta gie muri d-dokument a fol. 52 tal-atti, ix-xhud qal li dan d-dokument qatt ma rah qabel. Qal li darba minnhom kienu ltaqghu fl-ufficcju tal-'Alberta' u kienu tkellmu fuq xi pagamenti. Qal li ma jistax jghid jekk kienetx l-istess data meta gie ffirmat dan d-dokument a fol. 52. Qal li presenti ghal dik il-laqgha kien hemm hu, Ronald Azzopardi u Charles Scriha. Mistoqsi x'kien gara f'dik il-laqgha, wiegeb li kienu ftehmu li Ronald Azzopardi kellu jaghmel xi pagamenti lejn s-socjeta attrici pero l-ammonti ma ftakarhomx. Qal li lanqas ma jaf jekk effettivament thallsux dawk l-ammonti. Mistoqsi jekk qatt kellhom xi nies mistiedna tas-socjeta tal-'Alberta Fire & Safety' residenti fil-lukandi taghhom, wiegeb li effettivament kellhom. Qal li l-lukandi 'Crown' u 'Windsor' jappartjenu lil 'Sovereign Hotels Company Limited'. Qal wkoll li f'din il-laqgha, li kellhom Ronald Azzopardi kien qed jirrappresenta lil din s-socjeta wkoll.

Illi nhar s-sittax (16) ta' Gunju 2009 **xehed Ronald Azzopardi** in subizzjoni (fol. 64) fejn qal li ma jafx li effettivament hemm xi relazzjoni bejn is-socjeta' 'O'Connor's' u l-attrici. Qal li anke bejn il-perjodu 2006-2007, relazzjoni bejn dawn iz-zewg socjetajiet ma kienx hemm. Meta gie muri d-dokumenti a fol. 2 u 3 tal-atti, qal li fis-snin 1999 u 2000 hu kien biss *silent partner* tas-socjeta' 'O'Connor's' u li hu qatt ma kien ifforma parti minn xi negozjati mas-socjeta' attrici u li dawn in-negozjati li setghu saru, saru minn predecessuri tieghu Joswe Gauci u Christopher Gauci u John Borg. Ikkonferma li hemm is-sistemi tal-'Alberta' gewwa l-istabbiliment 'O'Connors'.

Qal li l-*invoices* li jigu mibghuta lilu li jikkoncernaw kwistjoni t'*accounts u* hu kien jghaddihom lill-ufficju tal-*accounts*, Qal lil hu ghandu x'naqsam biss ma' 'Windsor' u 'Crown'. Qal li anke fil-korrispondenza tieghu dejjem irrifera biss ghal 'Windsor' u 'Crown'. Ikkonferma li korrispondenza li ghaddiet bejn 'Alberta' u bejnu hija dik li hemm esebita fl-atti li tikkoncerna biss il-'Crown' u 'Windsor' *on behalf of* Sovereign Hotels Limited'. Qal li l-*account* kienet W028 li huwa 'Windsor Hotel *account'* u MC194 li huwa 'Crowns Hotel Limited *account'*.

Meta gie muri d-dokument esebit fl-atti a fol. 52, ix-xhud ikkonferma li dik hija l-firma tieghu. Qal li l-firma tal-parti ta' fuq tal-figura hija tieghu pero' dik ta' taht m'hijiex tieghu u lanqas n-numru tal-karta tal-identita u *mobile number* m'huma tieghu u li dik il-kitba m'hix tieghu. Qal li l-*payment terms* fejn hemm miktub 009 ta' 'O'Connor's' m'hix miktuba minnu lanqas.

Ikkonferma li originarjament kien hemm dovut is-somma ta' sitt elef lira lis-socjeta' attrici rapprezentanti kontijiet pendenti ghal 'Windsor' u 'Crown Hotel' li fihom kien jikkonsisti wkoll xi xoghol ta' *maintenance* ghal *fire extinguishers*. Zied jghid pero li d-debitu li kellha l-Alberta maghhom thallsu, thallsu permezz ta' *bartering* fejn effettivament xi kumpanija sussidjarja tal-'Alberta' kienet baghtet xi klijenti minn taghha ghandhom. Qal li l-kumpanija sussidjarja kienet 'International Trading Limited'. Zied jghid li kien hemm zewg *invoices* li jammontaw ghal elfejn lira maltin. Kompla jghid li kien hemm ukoll qbil bejn l-'Alberta' u s-socjeta' konvenuta fuq il-'Windsor' u l-'Crown'.

Mistoqsi x'jirraprezenta l-pagament li kopja tieghu hemm *cheque* fil-process fl-ammont ta' LM1,408.40, qal li jinsab inkluz fil-kont C194 li huwa ta' 'Crowns Hotels Limited *account'*, filwaqt li c-*cheque* l-iehor LM3,136.87 li jidhru fil-kontijiet C1940195, huwa wkoll ta' 'Crowns Hotel Limited *account'* u 'Crown Hotel *contract account'* rispettivament. Qal li dawn il-kontijiet inghataw *post dated* mill-predecessur tieghu Chris Gauci li nghataw ghall-habta ta'

Marzu 2004 u naturalment, in segwitu, kienu gew *replaced*.

Illi nhar t-tlettax (13) t'Ottubru 2009 **rega' xehed Ronald Azzopardi** (fol. 68) fejn qal li fit-tmienja w ghoxrin (28) ta' Mejju 2008 Elizabeth Barbaro Sant in rapprezentanza ta' 'Alberta Fire and Security' kienet xehdet li hi kienet inghatat zewg cekkijiet wiehed fl-ammont ta' Lm1,408.40 permezz ta' *cheque number* 6 mahrug minn HSBC u *cheque* iehor fl-ammont ta' Lm3,136 *cheque number* 000043. Qal li dawn ic-*cheques* kienu iffirmati mid-direttur ta' qabel certu Chris Gauci. Ikkonferma li verament dawn iz-zewg cekkijiet kienu gew mahruga izda li ma qalitx Ms Barbaro Sant huwa l-fatt li dawn iz-zewg cekkijiet ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-'O'Connors Company Limited' li l-*account code* huwa O009. Qal li ghalhekk hu kien talab lill-*accounts department* tas-socjeta' 'Alberta Fire' l-kontijiet kollha li kellhom il-kumpaniji tieghu.

Qal li fil-fatt kien erba' kumpaniji, kien hemm il-'Windsor Hotel *account*, *account number 028*' li huwa kollu mhallas, 'Crown Hotel Limited *account C194*', imbaghad 'Crown Hotel Contract *account'* li n-numru huwa C195 u r-raba' *account* li fuqu qed issir din il-kawza, 'O'Connors Malta Limited *account number* O009'. Qal li wara li hu talab dan it-*transactory report* lis-socjeta' attrici jidher car li c-cekkijiet fuq imsemmija ma kellhom x'jaqsmu xejn ma' l-'O'Connors Malta Limited' izda l-kontijiet l-ohra ta' *cheque number* 6 fl-ammont ta' LM1,408.40 kif jidher fl-i*statement* C194 li huwa 'Crown Hotels Limited *account'* b'riferenza ghas-*sales transaction report* 2nd August 2007, filwaqt li c-*cheque* l-iehor *number* 43 li l-ammont huwa LM3,136 jidher fil-kontijiet C194 u C195, 'Crown Hotels Limited *account'* u 'Crown Hotels *contract account'* rispettivament. Esebixxa kopji ta' dawn l-*accounts* relattivi bhala dokument CSH 1, 2 u 3 rispettivament. Cahad li hu ffirma xi dikjarazzjoni personali.

Rat illi is-socjeta attrici moghtija zmien sabiex tipprezenta nota ta' sottomissjonijiet baqghet ma pprezentat l-ebda att (fol 77).

Rat in-nota ta' sottomissjoni tal-konvenut proprio et nomine prezentata nhar is-sitta w ghoxrin (26) ta' Jannar 2010 (fol. 78 et seq).

Ikkunsidrat:-

Illi f'din il-kawza s-socjeta attrici qed titlob hlas ta' LM3164.46 minghand il-konvenut de proprio u minghand il-konvenut ghan nom tas-socjeta 'O'Connors Limited' rapprezentanti din is-somma bilanc ta' prezz t'oggetti w attrezzaturi relatati mas-sigurta mibjugha lilhom mis-socjeta attrici.

Il-konvenuti eccepew fl-ewwel eccezjoni taghhom li t-talba attrici hija nulla ghaliex l-proceduri gew intavolati permezz t'avviz u mhux rikors kif rikjest mill-ligi. Illi pero din l-eccezzjoni llum tinsab sorvolata permezz ta' digriet moghti minn din l-istess Qorti nhar it-tnax (12) ta' Dicembru 2008 fejn ordnat il-korrezzjoni fl-atti w ghalhekk l-atti b'hekk jinsabu regolarizzati.

Fit-tieni lok l-konvenuti qed jecepixxu l-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2148 u 2156 tal-Kodici Civili. l-konvenut issolleva l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2148 tal-Kodici Civili w ghalhekk din il-Qorti trid tesamina l-artikolu kollu.

L-Artikolu 2148 (a) tal-Kodici Civili jgib l-estinzjoni tal-azzjoni b'gheluq ta' tmintax il-xahar fil-kaz ta' "*l-azzjonijiet tal-hajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, argentieri, arluggara, u ta' persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz ta' l-opri jew tax-xoghlijiet taghhom, jew tal-materjal li jfornu*."

Il-preskrizzjoni hawn kontemplata m'hemmx dubbju, li ma tikkolpix l-azzjoni prezenti, peress li s-socjeta attrici mhux biss forniet l-materjal, izda wkoll l-opra taghha billi ezegwiet xoghol ta' *plumbing* u ta' *maintenance* u *servicing* kif jirrizulta mill-kliem tal-*invoice* mibghuta minnha esebita a fol. 2 et seq.

Fil-kawza fl-ismijiet "**Tommaso Pace noe –vs- Salvatore Muscat**", il-Qorti tal-Appell, Sede Inferjuri, nhar t-tmintax (18)ta' Mejju 1929 gie rilevat li d-disposizzjoni ta' l-Artikolu 1912 (illum 2148 (a)) tal-Ordinanza VII tal-1868 "*non e' applicabile a coloro che esercitano una impresa per il loro credito per le opere da loro eseguite e pei materiali da loro forniti … …*"
Dak l-Artikolu jirreferixxi ghalhekk ghall-krediti t'artefici li jipprestaw l-opera taghhom u mhux appaltatur tal-opra li ghaliha l-materjali jkunu servew (**Vol XLI pI p347**). F'dan il-kaz aktar minn opra, hemm il-prestazzjoni tal-"opus" "*minghajr distinzjoni in rigward tan-natura tax-xoghlijiet u minghajr qies tal-importanza tas-somministrazzjonijiet.*" (**Vol XLII pIII p1151**; "**Joseph Grech –vs- Emanuela Camilleri et**", Appell Kummercjali, 21 ta' Marzu 1977; "**Gio Maria Camilleri –vs- John Licari et**", Appell Kummercjali, 16 ta' Ottubru 1972; "**Francis Bugeja nomine –vs- Indri Mercieca**", Appell, 29 ta' Mejju 2000.)

Dawn is-sentenzi kollha ghamlu d-distinzjoni bejn id-dispost
tal-ligi hawn ezaminat (Art 2148 (a)), u provvediment iehor tal-ligi 'n materja ta' preskrizzjoni li mieghu ghandu certa affinita` (Art 2149 (a)). Fuq il-bazi tal-fatt maghruf, il-preskrizzjoni eccepita mill-konvenuti ma hijiex applikabbli.

Il-Qorti ma tistax hi stess, tqajjem eccezzjoni tal-preskrizzjoni (Art 2111, Kodici Civili) u lanqas tista' tikkonsidra ebda preskrizzjoni hlief dik specifikatament eccepita ("**Perit Victor Muscat –vs- Edgar Tabone**", Appell Civili, 18 ta' Frar 1963; "**Paul Xuereb –vs- Amabile Fiott**", Appell Sede Inferjuri; 3 ta' Dicembru 1975).

Il-Qorti tal-Kummerc espremiet ruhha f'dan is-sens:-

"*Il-konvenut ma ssolleva ebda eccezzjoni ohra ta' preskrizzjoni u l-Qorti ma tistax tikkonsidra jew tapplika preskrizzjoni li ma gietx espressament imsemmija, u ma tistax tapplika terminu iehor ta preskrizzjoni*" –

Illi pero l-konvenuti ma qalux taht liema sub artikolu tal-Artikolu 2148 hija qed isostni l-eccezzjoni taghha**.**

**L-artikolu 2148 (b) tal-Kap 16** jipprovdi li **l**-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' tmintax il-xahar:

(*b*) l-azzjonijiet ta' kredituri ghall-prezz ta' merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra mobbli, mibjugha bl-imnut.

Illi ghalhekk, sabiex din l-eccezzjoni tista tirrizulta, fl-ewwel lok l-konvenuti kellhom jipprovaw li l-oggetti li gew konsenjati lilhom, gew mibjugha bl-imnut.

Din ma tirrizultax lanqas remotament w ghalhekk din il-Qorti ser tieqaf hawn f'dan ir-rigward.

Il-konvenuti eccepew ukoll l-presekrizzjoni ai termini tal**-Artikolu 2156** tal-Kap 16, li jipprovdi s-segwenti:-

**"***L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghuq ta' hames snin:*

*(f) l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skond din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku*;"

Illi f'dan il-kaz, il-konvenuti eccepew dan l-perjodu prekrittiv ta' hames snin, ghaliex isostnu li skond l-*invoices* esebiti mis-socjeta attrici mal-avizv a fol. 3 et seq, jirrizulta li s-servizz moghti minnha allegatament lis-socjeta 'O'Connors Limited', gie moghti nhar il-hamsa w ghoxrin (25) ta' Settembru 1999.

Illi skond is-sentenza fl-ismijiet **<u>Paola Calleja vs Luigi Vella</u>** deciza nhar l-hmistax (15) ta' Gunju 1966 mill-Qorti tal-Appell Kummrcjali, gie rilevat hekk:-

"*Illi meta jigi eccepit l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali, imiss lill-konvenut li jipprova li l-hames snin*

*kienu ghalqu. Jekk dan jigi pruvat, kien imiss imbaghad lill-attur li jipprova illi l-kaz tal-preskrizzjoni kien gie validament interott."*

Issa minn ezami tal-*invoices* esebiti jirrizulta li verament l-ewwel *invoice* mibghut lill-konvenut 'O'Connors Malta Limited' u kien datat hamsa w ghoxrin (25) ta' Settembru 1999, izda l-istess *statement* juri li kien hemm diversi *invoices* ohra li gew mibghuta lis-socjeta konvenuta u l-ahhar wiehed u datat hamsa w ghoxrin (25) ta' Mejju 2006. M'hemmx dubbju li l-kont tal-konvenut 'O Connors Malta Limited' kien wiehed *on going* u dan ghaliex jidher anke mill-hlasijiet li saru fis-sitta (6) ta' Jannar 2003 u fis-sittax (16) ta' Jannar 2004 li l-hlas kien isir bhala *part payment* u mhux ghas-saldu *in full and final settlement*. Ma hemmx dubbju li ma kienx hemm servizz wiehed jew konsenja wahda, izda s-socjeta attrici baghtet numru t'*invoices* li skond l-i*statement* esebit ilkoll gew injorati. Jidher car minn ezami tal-istess li kien hemm relazzjoni kummercjali bejniethom.

Il-Qorti hija tal-fehma li l-i*statement* li esebiet is-socjeta attrici a fol. 2 immarkat bhala Dok. 'A' jirrapprezenta n-negozju kollu li kien hemm bejn is-socjetajiet kontendenti. Dan id-dokument mhu xejn hlief it-*Transaction History*.
Illi ghar-rigward tal-preskrizzjoni msemmija mill-kumpannija mharrka, jinghad li din hija wahda minn dawk imsejjhin "preskrizzjonijiet qosra".

Ghalhekk, kif inhu mghallem f'dan il-qasam, preskrizzjoni bhal din hija eccezzjoni ghar-regola generali tal-preskrizzjoni ta' tletin sena ghall-azzjoni civili.

Ghalhekk, preskrizzjoni bhal din ghandha tinghata tifsira dejqa (Ara, per ezempju, **Baudry-Lacantinerie et Tissier** fit-*Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile* (Vol. XXVIII, "*Della Prescrizione*" Par. 712).

Issa jrid jinghad li ghalkemm il-kelma "kreditu" tfisser kull jedd *in personam* li jaqbel ma' kull obbligazzjoni ta' debitur, jidher li fil-qafas tal-artikolu 2156 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta il-kelma "kreditu" msemmija fil-

paragrafu (f) tieghu, ghandha tigbor fiha biss jeddijiet li huma tal-istess bixra tal-jeddijiet imsemmija fil-paragrafi l-ohrajn tieghu (Ara P.A. GCD **9.11.2001** fil-kawza fl-ismijiet **<u>Naudi et vs Maltacom p.l.c).</u>**

Ta' min jghid li c-cirkostanzi kollha mahsubin fl-artikolu 2156 huma obbligazzjonijiet ghall-hlas ta' flus u mhux obbligazzjonijiet *di fare.*
Illi peress li l-preskrizzjoni "residwali" mahsuba taht l-artikolu 2156(f) tal-Kap 16 hija suggetta ghall-interpretazzjoni *eiusdem generis*, allura dan igib mieghu l-effett li l-obbligazzjoni li kontra taghha titressaq eccezzjoni bhal din trid tkun wahda ghall-hlas ta' flus. (Ara App. iv. 7.2.1949 fil-kawza fl-ismijiet **<u>Saliba et vs Grech</u>** (Kollez. Vol: XXXIII.i.397). Kemm hu hekk, inghad li din il-preskrizzjoni tapplika ghal zewg ordnita' krediti: jigifieri l-prestazzjonijiet accessorji jkunu liema jkunu, u whud mill-prestazzjonijiet ewlenin jew principali.

Tal-ewwel jirrigwardaw dejjem oggett li jkun flus, filwaqt li tat-tieni jirrigwardaw flus jew haga fungibbli bhalma huma l-flus. Illi l-elementi kollha mehtiega biex titqies eccezzjoni bhal din, jirrizultaw fil-kaz prezenti, billi huwa maghruf li fil-kaz ta' bejgh bl-ingrossa, l-preskrizzjoni applikabbli, hija dik mahsuba fl-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili. Il-kreditu pretiz mill-kumpanija attrici huwa wiehed li jaqa' fil-parametri tal-krediti mahsubin fl-artikolu 2156(f) tal-Kodici.

Illi, madankollu, huwa mghallem li l-preskrizzjoni f'kaz ta' azzjoni mibnija fuq kont kurrenti ma tibdiex tghaddi qabel ma l-kont jigi likwidat (Kumm. 12.3.1934 fil-kawza fl-ismijiet **<u>Callus vs Psaila</u>** (Kollez. Vol: XXVIII.iii.1277), ghalkemm jinghad ukoll li l-preskrizzjoni tapplika ghal kull partita ta' dejn minkejja li tkun taghmel parti minn servizz kontinwu Art. 2151(1) tal-Kap 16 u App. Kumm. 16.2.1914 fil-kawza fl-ismijiet **<u>Borg vs Bartolo et</u>** (Kollez. Vol: XXII.i.317).

F'kull kaz, iz-zmien ta' preskrizzjoni applikabbli huwa dak ta' hames snin - App. Inf. 7.11.1997 fil-kawza fl-ismijiet **<u>Fenech noe vs Medina Food Manufacturing Co. Ltd.</u>** (Kollez. Vol: LXXXI.ii.1121).

Illi jekk wiehed iqis li l-ewwel servizz lill-kumpanija mharrka sehh f'Settemrbu 1999, (b'hlas isir mill-kumpanija mharrka f'Jannar 2004 w ghalhekk entro il-hames snin).

Issa ma jistax ikun li kien lahaq ghadda z-zmien preskrittiv ta' hames snin meta nfethet il-kawza, wkoll jekk ma saret l-ebda nterpellazzjoni gudizzjarja fil-frattemp, u dan ghaliex l-kawza nbdiet f'Gunju tas-2007. Illi ghalhekk l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni m'hijiex sejra tintlaqa'.

Illi ghalhekk zgur li l-eccezzjonijiet dwar il-preskrizzjoni moghtija mill-konvenuti u kif spjegata minnhom fin-nota ta sottomissjonijiet taghhom, ma jirrizultawx w ghalhekk qed jigu michuda.

Illi it-tielet eccezzjoni tal-konvenuti hija li l-konvenut de proprio ma ghandu jaghti xejn u mhux il-legittimu kontradittur f'din il-kawza.

Illi minn ezami tad-dokumenti esebiti is-socjeta attrici, jirrizulta li l-kont li kellha kien mas-socjeta konvenuta fost ohrajn u mhux mal-konvenut de proprio. Is-socjeta attrici pero qed targumenta li l-konvenut iffirma d-dokument a fol. 28 w ghalhekk assuma id-debitu huwa stess.

Illi minn ezami ta' dan id-dokument pero ma jirrizultax li l-konvenut fil-fatt ghamel xi novazzjoni jew assuma xi debitu, hemm biss kalkoli u cifri u l-firma tieghu. B'dan ma jistax jinghad li huwa obbliga ruhu li jhallas d-dejn tas-socjeta konvenuta w ghalhekk din l-eccezzjoni tieghu qieghda tigi milqugha.

Dwar il-mertu ma jidhirx li hemm kontestazzjoni bhala eccezzjonijiet, ghalkemm l-konvenut, meta xehed, ikkontesta l-kontijiet.

Skond l-ordni guridiku tar-regoli probatorji, jinkombi lill-attur b'obbligu u fl-ewwel lok li jipprova b'mod adegwat l-allegazzjoni centrali tieghu li l-konvenut huwa debitur tieghu. Sakemm dan ma jghamlux, il-konvenut jibqa assistit mill-principju li l-piz tal-prova, huwa l-ewwel mixhut

fuq l-attur. Huwa biss f'kaz illi l-attur ikun irnexxielu imqar 'prima faccie' jistabilixxi t-tezi tieghu li mbaghad il-piz tal-prova jisosta ruhu ghal fuq il-konvenut.

Kif inghad minn **Phipson on Evidence** 11th Edition para 103:-

"*In civil cases the evidential burden may be satisfied by any species of evience sufficient to raise a prima faccie case…"*"

Fis-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar il-hamsa w ghoxrin (25) t'April 2002 fl-ismijiet **Maria Stella Borg vs Joseph Cassar et:-**

"*Il-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hi bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. U dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-htiega trid tirrizulta minghajr ma thalli ebda dubju ragonevoli."*

Issa f'dan il-kaz, il-Qorti hija nfaccjata bix-xhieda prodotta mis-socjeta attrici, li kkonfermat li s-socjeta konvenuta ghadha ma hallsitx id-debitu ndikat fl-i*statement* esebit a fol. 2 tal-atti minkejja diversi tentattivi taghha.

Il-konvenut minn naha tieghu ma pprovax li huwa effettivament hallas dan id-debitu; qal biss li kien hemm *set off*, izda prova dwar din is-*set off* ma saritx minnu. Anzi semmai, s-socjeta attrici tghid li kien hemm *set off* izda ma kumpanija ohra tas-socjeta attrici u mhux minn dik attrici w ghalhekk dik is-*set off* ma hija *set off* xejn ai fini ta' din il-kawza.

Ghaldaqstant, din il-Qorti hija tal-fehma li s-socjeta attrici rnexxilha tipprova li d-debitu msemmi fir-rikors promotur fl-ammont ta' tlett elef mija w erbgha w sittin lira maltin u sitta w erbghin centezmu (LM3164.46) ekwivalenti ghal sebat elef tlett mija wiehed u sebghin euro u erbgha w

tmenin euro centezmu (€7371.84) ghadu dovut mis-socjeta konvenuta w ghalhekk qieghda tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta konvenuta 'O'Connors Malta Limited' u qieghda tichad l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni tal-konvenut Ronald Azzopardi de proprio fiwaqt li qieghda tilqa t-talba attrici fil-konfront tas-socjeta 'O'Connors Malta Limited' qieghda tilqa l-eccezzjoni tal-konvenut Ronald Azzopardi de proprio li mhuwiex il-legittimu kontradittur w ghalhekk qed tilliberah mill-osseranza tal-gudizzju.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tikkundanna lis-socjeta konvenuta 'O'Connors Malta Limited' thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tlett elef mija w erbgha w sittin lira maltin u sitta w erbghin centezmu (LM3164.46) ekwivalenti ghal sebat elef tlett mija wiehed u sebghin euro u erbgha w tmenin euro centezmu (€7371.84).**

**Bl-ispejjez u l-imghax skond il-ligi jithallsu mis-socjeta konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------